**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

**SEDUTA NRU. 2 - IT-TLIETA 3 TA' AWWISSU 2010**

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil- 5:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Mary Anne Cuomo | Chairperson |
| | Joseph Woods | Viċi-Chairperson |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużata: | Maria Vella | Membru |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI

1.1. Kif bdiet il-laqgħa ċ-Chairperson infurmat li Maria Vella ma setgħetx tattendi u għalhekk kienet meqjusa skużata. Hija staqsiet ukoll lis-SE jekk kinitx se tattendi s-Sindku jew ir-rappreżentant tagħha. Huwa wieġeb li ma kellu l-ebda informazzjoni iżda hu kien bagħat l-aġenda tal-laqgħa lis-Sindku u l-membri kollha tal-Kunsill.

1.2. Wara konsiderazzjoni l-minuti tal-ewwel laqgħa kienu approvati u ffirmati miċ-Chairperson u mis-SE.

## 2. KOMUNIKAZZJONI MIĊ-CHAIRPERSON

2.1. Iċ-Chairperson Cuomo semmiet li kellha talbiet biex jitniżżlu l-iskips ta' Triq Xatt il-Palm aktar 'l isfel. Hemm bżonn ukoll li jsir ċaqlieq ta' ċertu *bring-in sites*. Kien hemm qbil li fil-laqgħa li jmiss ikun diskuss dan is-suġġett u l-kummenti li kien hemm mir-residenti dwar il-proposta preċedenti, ċoè dik li jitneħħew l-iskips tal-iskart imħallat.

## 3. RAPPORTI TAL-LAQGĦAT U L-ĦIDMA MILL-AĦĦAR LAQGĦA

3.1. Iċ-Chairperson semmiet il-laqgħa li saret mal-iscouts ta' B'Kara fit-28 ta' Lulju. Kien ikkonfermat li minn dak li wegħdu li se jagħmlu kienu għadhom m'għamlu xejn. Is-SE wiegħed li jħejji rapport tal-laqgħa mal-iscouts sal-laqgħa li jmiss.

## 4. IL-PJAN U L-BAĠIT

4.1. Is-Sur Woods informa li ma kienx laħħaq ħejja punti għall-pjan. Huwa kompla però li l-Kumitat kellu jimxi mad-dokument tal-Gvern ta' qabel il-baġit (Viżjoni 2015) speċjalment fejn jitkellem dwar il-Kunsilli Lokali u speċifikament bejn il-paġni 145 u 151 (kapitlu 11). Huwa ppropona li l-għan prinċipali tal-Kumitat għandu jiffoka fuq il-kostruzzjoni tal-Pjazza.

4.2. Iċ-Chairperson infurmat li skont l-aħħar informazzjoni li kellha, il-MEPA talbu l-kummenti tad-Dipartiment tas-Saħħa.

## 5. INIZJATTIVA PREMJU LOKALITAJIET INDAF

5.1. Is-Sur Woods tkellem dwar l-inizjattiva sottomessa għall-Premju Lokalitajiet Indaf fejn ta dettalji dwar kif se jinqasmu l-ispejjeż tal-inizjattiva. Huwa ddikjara li se joffri s-servizzi tiegħu bla ħlas u li l-organizzazzjoni involut fiha hija waħda approvata u mingħajr profitt u għalhekk ma jistax ikun hemm konflitt ta' interess.

5.2. Kien hemm qbil li jsir tentattiv biex ikun hemm imqar 10 persuni li jgħinnu fl-inizjattiva.

5.3. Dwar il-post għall-attivita iċ-Chairperson infurmat li diġà tkellmet mal-Knisja.

## 6. RESPONSABBILTAJIET GĦALL-MEMBRI TAL-KUMITAT

6.1. Iċ-Chairperson ipproponiet li l-membri għandhom jingħataw ċertu responsabbiltajiet biex ix-xogħol tal-Kumitat ikun jista' jitqassam aħjar. Hija ħejjiet lista bil-proposti tagħha li għaddiethom lill-membri kollha.

6.2. Il-Kumitat qabel mal-proposta u għalhekk il-lista kif approvata hija din:

**Maryanne Cuomo** (Chairperson): Proġetti, Finanzi, Ambjent, ICT, *Traffic Management*, Żvilupp fil-lokali (MEPA).

**Joseph Woods** (Viċi-Chairperson): Relazzjonijiet Pubbliċi, Relazzjonijiet mal-EU, Edukazzjoni

**Evelyn Muscat**: Kultura, Anzjani

**Maria Vella**: Żgħażagħ, Sports, Politika Soċjali, Informazzjoni fuq in-*Notice Board*.

**Joseph Pierre Bonello**: Bajjiet, Dawl tat-Toroq, Immaniġġjar tal-Iskart, Parks/Bandli, Manutenzjoni tat-toroq u l-bankini.

## 7. LAQGĦA MAR-RESIDENTI F'SETTEMBRU

7.1. Kien hemm qbil li għandha tissejjaħ laqgħa għar-residenti kollha nhar il-Ħamis 23 ta' Settembru fis-7pm.

7.2. Din il-laqgħa għandha ssir fil-bini tal-Knisja u fiha għandu jkun ippreżentat il-Pjan propost.

## 8. INIZJATTIVA TA' ORGANIZZAZZJONI TA' SEMINAR GĦALL-KUMITATI AMMINISTRATTIVI

8.1. Is-Sur Woods ħareġ bil-proposta li jkun organizzat seminar ta' sagħtejn f'Baħar iċ-Ċagħaq għall-membri tal-Kumitati Amministrattivi ta' Malta kollha. F'dan is-seminar jingħata taħriġ ta' kif wieħed jista' jaħseb b'mod aktar kreattiv. Dan is-seminar jingħata bla ħlas.

8.2. Is-Sur Woods wiegħed li se jipprepara *flyer* għal dan is-seminar u appena jasal għand is-SE jibda l-proċess tal-avviżi.

8.3. Il-Kumitat qabel li għandu jagħmel stedina formali lill-Onor Dr Chris Said.

## 9. SKEMA TA' FINANZJAMENT GĦALL-PROĠETT SPEĊJALI GĦALL-KUMITATI AMMINISTRATTIVI

9.1. Is-SE informa li, permezz tas-Segretarjat Parlamentari għall-Kunsilli Lokali, il-Kumitati Amministrattivi kienu qed jingħataw il-possibiltà li japplikaw għal proġett speċjali għall-valur ta' €20,000.

9.2. Issemmew xi ideat għalkemm, sa dak il-ħin, ma kien għad hemm xejn konkret. Kien hemm qbil li, sa qabel tasal biex titħejja l-applikazzjoni mis-SE, iċ-Chairperson tiddiskuti mal-membri l-oħra u tinforma lis-SE dwar fuq xiex għandha ssir l-applikazzjoni.

9.3. Sadanittant is-SE se jagħmel tentattiv biex isir jaf kif se tgħaddi t-triq permezz tal-proġett Ten-T. Dan biex il-proġett li jippjana l-Kumitat ma jinzertax jaħbat f'parti mill-pjan tat-triq.

**10. SOTTO-KUMITAT DWAR IL-PROBLEMA TAL-ISPLASH & FUN**

10.1. Iċ-Chairperson ipproponiet li jkun iffurmat sotto-kumitat speċifikament dedikat fuq il-problema tal-Isplash & Fun. Il-Kumitat qabel u għalhekk dan se jkun iffurmat hekk:

- Maryanne Cuomo (Chairperson)
- Joseph Woods
- Kenneth Gauci Borda
- Michael Scicluna
- Kevin Morris
- Mario Hili

**11. ĦWEJJEĠ OĦRA**

11.1. **Ċaqlieq tan-Notice Board** – Il-Kumitat ikkunsidra jekk għandux jinstab post alternattiv fejn titpoġġa n-*notice board* eżistenti. Madanakollu kien hemm qbil li fejn tinsab in-*notice board* hija ideali u għalhekk m'għandiex tkun spustjata.

11.2. **Kaxxa tal-kummenti għar-residenti** – Il-Kumitat qabel li għandha titpoġġa kaxxa taħt in-*Notice Board* fejn ir-residenti jkunu jistgħu jibgħatu l-kummenti tagħhom.

11.3. **Komunikazzjoni mal-Ministru tar-Riżorsi dwar il-Pjazza** – Is-Sur Woods wiegħed li se jipprepara ittra lill-Ministru tar-Riżorsi dwar il-bżonn tal-bini tal-Pjazza.

11.4. **Bżonnijiet ta' xogħol madwar BIC** – kien hemm qbil li hemm bżonn li jsir manutenzjoni fuq il-bandli. Intwera l-interess ukoll li hemm bżonn li jsir xi ħaġa biex l-art madwar il-gabbana ma tibqax tidher daqstant kerha. Issemma l-bżonn li jitpoġġew sinjali kontra l-ħmieġ tal-klieb, mal-iskips u anki li jitpoġġew bins għall-ħmieġ tal-klieb. Is-SE informa li kien inbeda l-proċess biex jitpoġġew bins tal-ħmieġ tal-klieb inkluż f'Baħar iċ-Ċagħaq. Issemma li hemm bżonn ukoll ta' xogħol aħjar tat-tindif u tal-kura tal-ftit ġonna li hemm. Dwar it-tindif iċ-Chairperson issuġġeriet li jkun aħjar li tonqos il-frekwenza tat-tindif ta' Triq ir-Ridott u minflok tiżdied fi Triq il-Lampara. Is-SE fakkar li l-kuntrattur irid jimxi mal-kuntratt eżistenti.

11.5. **Komunikazzjoni aktar effettiva mar-residenti** – kien hemm qbil li għandu jsir tentattiv biex kemm jista' jkun residenti iħallu l-email address tagħhom lill-Kunsill ħalli tkun tista' tintbagħatilhom komunikazzjoni faċilment. Is-SE ġibed l-attenzjoni li, minħabba kwistjoni tal-protezzjoni tad-Data il-komunikazzjoni issir mill-uffiċċju tal-Kunsill biss. Kien hemm qbil ukoll li possibilment għandha ssir paġna fuq il-*website* tal-Kunsill dedikata għal BIC.

11.6. **Bżonn ta' dawl fi Triq A M Caruana** – Wara li ddiskuta l-istima li kienet saret mill-Inġinier tal-Kunsill, il-Kumitat qabel li għandu jfittex li jagħmel ix-xogħol bl-inqas flus possibli iżda jekk ma jirnexxielux jagħmel dan ix-xogħol għandu jsir kif rakkomandat mingħand l-Inġinier. Is-SE għandu jikkuntattja lill-Inġinier dwar dan.

11.7. **Laqgħa mal-Ispettur tal-Pulizija tan-Naxxar** – Il-Kumitat qabel li għandu jiffissa laqgħa mal-Ispettur biex jiddiskuti problemi eżistenti li hemm f'BIC u li għandhom bżonn attenzjoni u azzjoni mill-Pulizija. Fost dawn hemm ilment li ilu jkarkar dwar tfiegħ ta' ġebel fil-ħamrija fi Triq Xatt il-Palm.

11.8. **Sistema ta' toroq f'direzzjoni waħda** – kien hemm qbil li għandu jkun ikkunsidrat il-possibiltà li xi toroq isiru f'direzzjoni waħda. Madanakollu dan għandu jsir b'attenzjoni b'mod li ma joħloqx inkonvenjent lir-residenti.

## 12. TMIEM IL-LAQGĦA

12.1. Qabel ma ntemmet il-laqgħa il-Kumitat qabel li għandu jiltaqa' nhar it-Tnejn 30 ta' Awwisu fil-5:30pm.

12.2. Il-laqgħa intemmet fis-18:30pm.

Mary Anne Cuomo
Chairperson

Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM
Segretarju Eżekuttiv